# EGĦLUQ IL-ĦAMSA U SEBGĦIN SENA MIT-TWAQQIF TAS-SOĊJETÀ *KING GEORGE V*

Mill-ftit dokumenti li hemm jiġru l-hawn u l-hinn wieħed malajr jinduna li l-Imqabbin, għalkemm joqogħdu f'raħal żgħir, kellhom l-ambizzjoni tagħhom u l-imħabba għall-kultura.

Għall-ħabta tal-1887 twaqqfet l-ewwel banda fl-Imqabba b'surmast direttur Edoardo Farina. Iżda minkejja l-isforzi tas-sur Mikiel Zammit li kien qiegħed jitgħallem il-mużika u l-klarinett għand l-istess Surmast biex il-banda ma tisfrattax, din mietet ħesrem.

Fl-1905 twaqqaf il-Każin Soċjali Santa Marija bi President is-Sur Pawl Caruana. Fl-1910, b'tifkira tal-inkoronazzjoni tar-Re Ġorġ V u l-festi kbar li saru f'Malta għal din l-okkażżjoni, fl-laqgħa ġenerali tas-Soċjetà nqata' li jinbidel l-isem tas-Soċjetà ***Santa Marija*** f'dak ta' ***King George the Fifth***.

L-iskopijiet ewlenin ta' dan il-Każin soċjali kienu u għadhom dawn li ġejjin: 1) biex is-soċi jsibu fejn iqattgħu siegħa flimklien; 2) Biex tiġi mgħallma l-mużika; 3) Biex jittieħed il-ħsieb u l-ħtieġa għall-festi esterni ta' Santa Marija, it-Titular tal-Parroċċa. Biż-żmien bl-għajnuna finanzjarja u t-tħabrik tal-Kumitat ta' dak iż-żmien, fit-23 ta' Jannar, 1934 inxtara l-Każin u b'hekk żgurat ruħha l-ħajja tas-Soċjetà.

Fis-16 ta' Ottubru 1936, il-Gvernatur Sir Charles Bonham Carter għamel żjara uffiċjali lill-Każin. Matul il-gwerra tal-1939 – 1945, il-Każin serva ta' Uffiċċju tal-Gvern. Fl-1944, billi l-gwerra naqqset mill-qilla tagħha, twaqqfet daqsxejn ta' orkestra mis-surmastrijiet Charles Schembri L.R.C.M., Antonio Mamo L.R.C.M., Espedito Deguara A.L.C.M. u l-Professur Pawlu Carabott. L-ewwel programm immexxi minn Mro. Deguara sar ġor-raħal fit-12 ta' Awissu 1945. Din l-orkestra ġiet mibdula f'banda fl-1947 minn Mro. Giuseppe M. Barbara A.L.C.M. u l-ewwel programm mużikali taħt id-direzzjoni ta' Mro. Barbara twettaq fid-29 ta' Marzu 1947.

Fis-6 ta' Ġunju 1948 Monsinjur Arċisqof Mikiel Gonzi, illum mejjet, għoġbu jagħmel żjara lil dan il-Każin tal-Banda.

Fl-14 ta' Novembru 1948, f'laqgħa ġenerali tas-Soċjetà ġie deċiż li l-Każin jitkabbar u jissebaħ skond il-pjanta tas-Sur Ġużè D'Amato ta' Raħal Ġdid, arkitett li għamel il-pjanta tal-knisja kolossali tal-istess post fejn kien qed joqgħod. Ix-xogħol inbeda fit-12 ta' April 1949 u, bis-sagrifiċċji li llum ma jitwemmnux, u minkejja li t-tfixkil ma naqasx, is-suċċess inkiseb sentejn wara fit-13 ta' Mejju 1951.

Fis-sena 1950, sena mqaddsa bid-Domma tat-Tlugħ fis-Sema tal-Madonna bir-ruħ u l-ġisem dikjarata mill-Papa Piju XII, il-festa ta' Santa Marija, patruna tal-Imqabbin għal iżjed minn tliet sekli, ġiet ċelebrata b'festi speċjali. Għal din l-okkażżjoni ġew mistiedna Monsinjur Arċisqof Mikiel Gonzi, il-Prim Ministru ta' dak iż-żmien Dr. George Borg Olivier, il-Ministru tal-Ġustizzja Dr. Joseph Cassar, u l-Ministru tal-Kummerċ, Dr. Carmelo Caruana.

Fit-23 ta' Novembru 1951, Sir Gerald Creasy, Gvernatur ta' Malta, flimkien ma' Lady Creasy, għamlu żjara uffiċjali lir-raħal fejn ġew milqugħa b'merħba xierqa fil-Każin tal-Banda ***King George V***. Il-Gvernatur spiċċa d-diskors tiegħu b'dan il-kliem: "L-ikbar sodisfazzjon tiegħi huwa meta niltaqa' ma' Soċjetà żgħira fil-għadd u kbira fl-ispirtu bħalma hija din l-Għaqda.'

F'Settembru tal-1960, għeluq il-Ħamsin sena mit-twaqqif tas-Soċjetà Mużikali ***Re Ġorġ V***, saru festi speċjali biex jiġi mfakkar dan il-jum. Ġiet mikxufa Lapida għall-okkażjoni.

Min dak iż-żmien l-hawn sar ħafna xogħol u progress fil-Każin. Fl-1964 sar l-abbelliment tas-Sala u fl-1981 din l-istess Sala ingħatat dehra isbaħ billi ġiet restawrata u indurata bid-deheb. Fl-istess sena, jiġifieri fl-1981 inxtraw ukoll tliet linef kbar li komplew żejnu din is-Sala.

Fl-1981 f'egħluq il-ħamsa u għoxrin sena tas-Surmast il-Kav. Mro. George Martin, A.Mus., L.C.M., O.S.T.J. bħala direttur tal-Banda saru festi speċjali.

Din is-sena jaħbat il-Ħamsa u Sebgħin sena mit-Twaqqif tas-Soċjetà. Dan l-avveniment ser jiġi mfakkar nhar it-Tlieta 30 ta' Lulju bi Programm Mużikali u kxif ta' Lapida Kommemorattiva.